Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2001

Numru 519/2001

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 5 ta' Novembru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur M.Stella Cutajar**

**Vs**

**Raymond Bonnici.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Bonnici ta’ 46 sena, bin Joseph u Mary nee’ Rapa, imwieled Hamrun, imwieled fl-1 ta’ Dicembru 1954 u joqghod ‘St. Anthony’, Triq ta’ Rqajja, Safi, bin-numru tal-karta tal-identita’ 847354 (M);

Talli nhar it-23 ta Gunju 1999, u fiz-zminijiet ta’ qabel din id-data b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda bhala detentur jew konsumatur tal-fond St. Anthony, Triq Ta’ Rqajja, Hal Safi, jew bhala persuna li kellu f’idejh l-imsemmi fond b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ l-ilma jew li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita’ mehuda jw kkonsmata fil-fond fuq imsemmi u b’hekk ikkommetta serq ta’ ilma li jammonta ghal inqas minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-dannu tal-Korporazzjoni tal-ilma liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur;

Ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju ta’ l-ilma jew ikkaguna hsara jew telf ta’ l-ilma, ghamel hsara jew kisser xi parti tal-meter uzati fil-provista ta’ l-ilma liema hsara tammonta ghal anqas minn hamsin lira maltin (Lm50), ghad-dannu tal-korporazzjoni ta’ l-ilma.

Wara illi rat l-Artikolu 283 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Raymond Bonnici hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, kif ukoll ihallas ir-rati mensili ta’ ghaxar liri maltin (LM10), a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------